DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' April 2010

dwar it-twaqqif ta' Grupp Espert rigward il-Qafas Komuni ta' Referenza fil-qasam tal-liġi kuntrattwali Ewropea

(2010/233/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Kunsill Ewropew ta' Tampere f'Ottubru 1999 talab lill-Kummissjoni sabiex tistudja l-bżonn li tiġi armonizzata leġiżlazzjoni fil-qasam tal-liġi sostantiva ċivili.

(2) Il-Kummissjoni ħarġet Komunikazzjoni dwar il-Liġi Kuntrattwali Ewropea [1] fl-2001 sabiex twaqqaf proċess ta' konsultazzjoni dwar problemi u azzjonijiet potenzjali fil-qasam tal-liġi kuntrattwali. Ir-risposti indikaw kunsens ċar dwar il-ħtieġa li tiġi mtejba l-konsistenza tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-liġi kuntrattwali tal-Unjoni sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħha u l-funzjonament kif suppost tas-suq intern.

(3) Il-Kummissjoni ħarġet pjan ta' azzjoni dwar "Liġi Kuntrattwali Ewropea aktar koerenti" [2] fl-2003 li kien ippropona sabiex tiġi mtejba l-kwalita' u koerenza tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-liġi tal-kuntratti permezz tal-istabbiliment ta' Qafas Komuni ta' Referenza, li se jipprovdi lill-Unjoni b'għodda ta' referenza li ma torbotx li fiha prinċipji, definizzjonijiet u regoli mudelli li għandhom jiġu użati għar-reviżjoni ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni eżistenti u għall-preparazzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida fil-qasam tal-liġi kuntrattwali.

(4) Bħala miżura ta' preparazzjoni, il-Kummissjoni ffinanzjat fl-2005, permezz ta' għotja taħt il-Programm Qafas Nru 6 għar-Riċerka, netwerk akkademika Ewropea ta' riċerkaturi sabiex jagħmlu riċerka legali fil-fond li wasslet għal Abbozz akkademiku tal-Qafas Komuni ta' Referenza (minn issa 'l quddiem riferut bħala "l-Abbozz tal-Qafas Komuni ta' Referenza").

(5) Il-Programm ta' Stokkolm għall-2010-2014 jistieden lill-Kummissjoni sabiex tissottometti proposta dwar Qafas Komuni ta' Referenza fil-qasam tal-liġi kuntrattwali Ewropea li għandha tkun sett ta' prinċipji fundamentali, definizzjonijiet u regoli mudelli li ma jorbtux u li għandhom jintużaw mil-leġiżlaturi fuq livell tal-Unjoni sabiex jiġi żgurat aktar koerenza u kwalità fil-proċess ta' leġiżlazzjoni.

(6) L-Istrateġija Ewropea 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv [3] tirrikonoxxi l-bżonn li tagħmilha aktar faċili u b'anqas spejjeż għan-negozjanti u konsumaturi sabiex jikkonkludu kuntratti ma' sħabhom fil-pajjiżi l-oħra tal-UE, *inter alia*, billi jsir progress lejn Liġi Kuntrattwali Ewropea fakultattiva.

(7) Huwa għalhekk meħtieġ li jitwaqqaf grupp ta' esperti fil-qasam tal-liġi ċivili, u b'mod partikolari liġi tal-kuntratt, u li jiġu definiti l-ħidmiet u l-istruttura tiegħu.

(8) Il-grupp għandu jassisti lill-Kummissjoni sabiex jipprepara proposta għal Qafas Komuni ta' Referenza fil-qasam tal-liġi kuntrattwali Ewropea, inkluż liġi kuntrattwali tal-konsumaturi u tal-kummerċjanti, billi juża l-Abbozz dwar il-Qafas Komuni ta' Referenza bħala bidu u li jikkunsidra xogħol ieħor ta' riċerka li sar f'dan il-qasam kif ukoll tal-acquis tal-Unjoni. Il-grupp għandu, b'mod partikolari, jgħin lill-Kummissjoni jagħżel dawk il-partijiet tal-Abbozz tal-Qafas Komuni ta' Referenza li huma ta' relevanza diretta jew indiretta għal-liġi kuntrattwali, u jirristrutturaw, jirrevedu u jissupplimentaw il-kontenut magħżul.

(9) Il-grupp għandu jkun magħmul minn esperti kwalifikati ħafna b'kompetenza fil-qasam tal-liġi ċivili, u b'mod partikolari fil-liġi kuntrattwali, maħtura fil-kapaċita' personali tagħhom.

(10) Għandu jkun hemm dispożizzjoni dwar ir-regoli dwar l-iżvelar tat-tagħrif mill-membri tal-grupp, li tkun bla ħsara għar-regoli tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà kif imniżżlin fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom [4].

(11) Id-dejta personali kollha relatata mal-membri tal-grupp għandha tkun ipproċessata b'konformità mar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE)°Nru 45/2001 tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' din id-dejta [5].

[1] OJ C 255, 13.9.2001, p. 1.
[2] ĠU C 63, 15.3.2003, p. 1.
[3] COM(2010) 2020 finali, p. 23.
[4] ĠU L 317, 3.12.2001, p. 1.
[5] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

(12) Huwa xieraq li jiġi ffissat perjodu għall-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Il-Kummissjoni se tikkunsidra fi żmien propizju, kemm hu xieraq li tingħata estensjoni,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Grupp Espert rigward il-Qafas Komuni ta' Referenza fil-qasam tal-Liġi kuntrattwali Ewropea

Il-grupp ta' esperti "Grupp Espert rigward il-Qafas Komuni ta' Referenza fil-qasam tal-liġi kuntrattwali Ewropea", minn hawn 'il quddiem imsejjaħ bħala "il-grupp", qiegħed jiġi hawnhekk imwaqqaf.

Artikolu 2

Missjoni

Il-ħidma tal-grupp għandha tkun li tassisti lill-Kummissjoni fil-preparazzjoni ta' proposta għall-Qafas Komuni ta' Referenza fil-qasam tal-liġi kuntrattwali Ewropea, inkluż liġi kuntrattwali tal-konsumaturi u tal-kummerċjanti, u b'mod partikolari:

(a) fl-għażla ta' dawk il-partijiet tal-Abbozz tal-Qafas Komuni ta' Referenza li huma ta' relevanza diretta jew indiretta lil-liġi kuntrattwali; u

(b) fir-ristrutturazzjoni, reviżjoni u supplimenti tal-kontenuti magħżula tal-Abbozz Komuni ta' Referenza, filwaqt li jikkunsidraw ukoll xogħol ieħor ta' riċerka li sar f'dan il-qasam kif ukoll l-acquis tal-Unjoni.

Artikolu 3

Konsultazzjoni

Il-Kummissjoni tista' tikkonsulta l-grupp fuq kull kwistjoni relatata mal-preparazzjoni ta' proposta għall-Qafas Komuni ta' Referenza fil-qasam tal-liġi kuntrattwali Ewropea.

Artikolu 4

Shubija – Ħatra

1. Il-grupp m'għandux ikun iktar minn 20 membru.

2. Il-membri għandhom jiġu maħtura mid-Direttorat-Ġenerali tad-DĠ Ġustizzja, Liberta' u Sigurta' minn fost speċjalisti b'kompetenza liema bħala fil-qasam tal-liġi ċivili u b'mod partikolari l-liġi kuntrattwali. Il-ħatra tal-membri għandha ssir b'tali mod sabiex tassigura, kemm jista' jkun, bilanċ adegwat f'termini ta' firxa ta' kompetenzi, oriġini ġeografika u sess.

3. Il-Membri għandhom jinħatru fil-kapaċita' personali u għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u fl-interess pubbliku.

4. Il-grupp għandu jinkludi esperti mill-kategoriji li ġejjin:

— organizzazzjonijiet ta' xjenza u riċerka, l-akkademja,

— persuni legali,

— esperti li jirrappreżentaw lis-soċjeta' ċivili.

5. Il-membri tal-Grupp għandhom jinħatru għal kariga li tispiċċa fis-26 ta' April 2012.

6. Il-membri ma jistgħux jaħtru membru alternattiv sabiex jissostitwuhom, ħlief bil-ftehim tal-Kummissjoni.

7. Il-membri li ma jibqgħux f'pożizzjoni li jikkontribwixxu b'mod effettiv fil-ħidmiet tal-grupp, li jippreżentaw ir-riżenja tagħhom jew li ma jirrispettawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, jew l-Artikolu 339 tat-Trattat, jistgħu jiġu ssostitwiti għall-kumplament tal-mandat tagħhom.

8. Il-membri għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni fejn jistqarru li huma jaġixxu fl-interess pubbliku kif ukoll dikjarazzjoni li tikkonferma n-nuqqas jew l-eżistenza ta' kwalunkwe interess li jista' jaffettwa l-oġġettività tagħhom.

9. L-ismijiet tal-membri għandhom jiġu ppubblikati fir-Reġistru tal-gruppi esperti tal-Kummissjoni u fuq is-sit tal-Internet tad-DĠ Ġustizzja, Liberta' u Sigurta'. L-ismijiet tal-membri għandhom jinġabru, jiġu pproċessati u ppubblikati skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001.

10. Membri li ma jixtiqux ikollhom isimhom żvelat jistgħu japplikaw għal deroga minn din ir-regola. Ir-rikjesta li ma jiġix skopert l-isem ta' membru ta' grupp espert għandha tiġi kkunsidrata ġustifikata kull fejn pubblikazzjoni tkun tista' tfixkel issigurta' jew l-integrita' tiegħu jew tagħha jew jippreġudika b'mod mhux ġust il-privatezza tiegħu jew tagħha.

Artikolu 5

Operazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandu jkollha l-presidenza tal-grupp.

2. Bi ftehim mal-Kummissjoni, jistgħu jitwaqqfu sottogruppi biex jeżaminaw il-mistoqsijiet speċifiċi skont it-termini ta' referenza stabbiliti mill-grupp. Kif jintemm il-mandat tagħhom dawn il-sottogruppi għandhom jiġu xolti.

3. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni lill-esperti barra mill-grupp li għandhom kompetenza speċifika dwar suġġett fuq l-aġenda jew osservaturi, b'mod partikolari mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill jista' jitlobhom jipparteċipaw fid-deliberazzjonijiet tal-grupp jew tas-sottogrupp jekk dan ikun ta' siwi u/jew meħtieġ.

4. It-tagħrif miksub mill-parteċipazzjoni fid-deliberazzjonijiet tal-grupp jew tas-sottogrupp ma jistax jinkixef jekk, fil-fehma tal-Kummissjoni, dak it-tagħrif jirrigwarda kwistjonijiet kunfidenzjali.

5. Il-grupp u s-sottogruppi tiegħu għandhom normalment jiltaqgħu fl-istabbilimenti tal-Kummissjoni skont il-proċeduri u l-iskeda stabbilita minnha. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi s-servizzi ta' segretarjat. Uffiċjali oħrajn tal-Kummissjoni li jkollhom interess fil-proċedimenti jistgħu jattendu l-laqgħat tal-grupp u tas-sottogruppi tiegħu.

6. Il-grupp għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu abbażi tar-regoli standard ta' proċedura għal gruppi ta' esperti adottati mill-Kummissjoni.

7. Il-Kummissjoni tista' tippubblika kwalunkwe sommarju, konklużjoni, jew parti minn konklużjoni jew dokument ta' ħidma tal-grupp fl-ilsien oriġinali tad-dokument ikkonċernat.

Artikolu 6

Spejjeż tal-laqgħat

1. Parteċipanti fl-attivitajiet tal-grupp m'għandhomx jiġu remunerati għas-servizzi li jagħtu.

2. Il-Kummissjoni għandha tħallas lura l-ispejjeż tal-vjaġġi u, fejn ikun xieraq, l-ispejjeż tal-għajxien imġarrbin mill-membri marbuta mal-attivitajiet tal-grupp, skont ir-regoli tal-Kummissjoni dwar il-kumpens għall-ispejjeż tal-esperti esterni.

3. L-ispejjeż tal-laqgħat jiġu rimborżati fil-limiti tal-baġit annwali allokat għall-grupp mis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni.

Artikolu 7

L-applikabilità

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sas-26 ta' April 2012.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' April 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO